MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 526/2010

**Carmelo Galea ID574937 u martu Maria Galea ID693345M**

**vs**

**Raymond Gauci ID 826756M u martu Marilyn Anne Gauci ID 12195A u b'digriet tat-3 ta' Lulju 2013 gie mahtur Dr. Noel Bartolo bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapresnta lill-mejjet Raymond Gauci.**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'din il-kawza l-ATTURI qed jitolbu li l-INTIMATI jigu kundannati jhallsuhom tlett elef, mitejn, sebgha u ghoxrin Ewro tmienja u tmenin centezmi (€3,227.88c) arretrati ta' kera u kontijiet ta' dawl u ilma relatati mal-kiri tal-fond Australia House fil-Bidnija limiti Mosta. Fis-somma hi nkluza l-penali gejja mill-fatt li l-INTIMATI baqghu jghixu fil-fond oltre il-perijodu tal-kirja.

Qed jintalab ukoll li l-INTIMATI jigu kundannati jirrifondu spejjes li l-ATTURI nkorrew ghall-garr ta' rimi u skart imholli fil-fond.

**Ra** r-RISPOSTA tghid li dak mitlub hu nfondat u ghandu jigi michud.

Li fl-udjenza tat-2.11.2010 l-Atturi pprezentaw NOTA li fiha l-ammont mitlub tnaqqas ghal €1,932.26 (ara *fol* 18)

Li fit-3 ta' Lulju 2013 nhatar kuratur deputat biex jirraprezenta lill-Intimat Raymond Gauci li miet *pendente lite*.

N-Nota ta' Eccezzjonijiet tal-Kuratur Deputat li mhux edott mill-fatti, b'riserva li jipprezenta risposta ulterjuri.

**Ra** n-Nota tal-Attrici Maria Galea tal-20 ta' Novembru 2014 li biha assumiet l-atti tal-kawza flok zewgha li miet *pendente lite*.

II PROVI

1. L-Attrici Maria Galea esibiet il-kuntratt tal-kirja – Dok A *a fol* 19 b'bidu li sehh mill-01.11.2007. Dan spicca fil-31.10.2009. Konformemet mal-kuntratt, qed titlob penali bejn l-01.11.2009 u t-23.12.2009 – meta l-Intimati hargu mill-fond. Dana dejjem kif provdut fid-Dok A. L-istess rigward dak imholli mhux mhallas dwar dawl u ilma (Dok B *a fol* 21).

2. Fid-dokument li hemm esibit *a fol* 18 hemm *breakdown* ta' kollox li jwassal ghal €1,931.26c – mhux €1,932.26 li hemm bi zvista fin-Nota ta' Riduzzjoni *a fol* 15.

3. Meta telaq mill-fond kellhom inehhu l-imbarazz li halla warajh u spjegat kif l-ispiza telghet ghal €200 – ara Dok D *a fol* 23 u R3 *a fol* 49.

4. Meta regghet xehdet esibiet ritratti ta' dak li ssejjah imbarazz – dok R1 u R2

5. **Eric Montfort** ghal Enemalta Corporation ikkonferma t-talba dwar d-dawl u l-ilma u esibixxa d-Dok EM *a fol* 41 *et seq.*

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL jibda biex jinnota li fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2012 hemm verbalizzat li x-xhieda li nghatat mill-Intimat Raymond Gauci ma hargitx fuq it-tape u l-kawza giet differita ghad-9 ta' Frar biex dan jarga jixhed. Billi dak in-nhar dan kien imsiefer ghal raguni valida l-kawza giet differita ghall-20 ta' Marzu 2014 u hawn la deher R. Gauci u anqas id-difensur tieghu. Il-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoniji ghall-4 ta' Mejju 2014. Hawn zewg udjenzi ma nzammux u f'dik tat-23 ta' Ottubru t-TRIBUNAL gie nfurmat li l-Intimat miet fil-mori tal-kawza. Wara l-legittimazzjoni tal-atti, fl-ahhar udjenza, dik tal-20 ta' Novembru 2014 il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

2. Hi haga sfortunata li din ix-xhieda mhiex illum quddiem it-TRIBUNAL. Hawn jitqies li fl-Eccezzjonijiet taghhom l-Intimati kienu spiccativi ghall-ahhar u

hemm qalu li dak mitlub hu nfondat fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont mhu dovut. Il-kuratur ta' Raymond Gauci kien sprovvist minn kull prova avvolja martu, il-ko-konvenuta hi fil-kawza izda din ma xehditx u ma jidhirx li kien hemm xi kommunikazzjoni bejnha u l-kuratur li ma kienx jaf il-"whereabouts" taghha. Fil-fatt il-procedura ghal hatra ta' kuratur deputat saret mill-Atturi.

3. Fic-cirkostanzi t-TRIBUNAL ma jistax hlief joqghod fuq ix-xhieda tal-attrici (l-attur zewgha miet ukoll fil-mori tal-kawza) munita b'dokumenti u dik tar-rapprezentant tal-Enemalta.

DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet tal-Intimati u tal-Kuratur Deputat u (2) jilqa t-TALBA fil-*quantum* specifikatament mitlub fl-AVVIZ dwar kera, ilma u dawl fl-ammont ridott ta' elf, disa' mija, wiehed u tlettin Ewro sitta u ghoxrin centezmi (€1,931.26c) u fl-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00c) dwar zbarazzar – ghalhekk elfejn, mija, wiehed u tlettin Ewro sitta u ghoxrin centezmu (€2,131.26c) u **jikkundana** lill-Intimati biex, fic-cirkostanzi jhallsu lill-Attrici Maria Galea dan l-ammont fi zmien tletin jum mil-lum b'dana li f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv u (3) **jikkundanna** lill-Intimati biex ihallsu l-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------